QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 25 TA' JANNAR 2002

Avviz Nru 1156/99DM

Quality Analysis Limited

vs

Continental Meat Company Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' somma ta' Lm890 oltre l-imghax legali skond statement of Account tas-26 ta' Jannar 1999 ta' diversi invoices ghal servizzi lilhom moghtija f'dawn l-ahhar xhur.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Lulju 1999 kontra l-konvenuti li gew ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 In linea preliminari s-socjeta eccipjenti ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici izda biss mad-ditta Quality Analysis Laboratory u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici;
2 Sussidjarjament u bla pregudizzju, l-azzjoni attrici hija fi kwalunkwe kaz intempestiva ghaliex qabel ma giet istitwita l-kawza odjerna rapprezentant tas-socjeta konvenuta kien gia lahaq ftehim mar-rapprezentant tad-ditta fuq imsemmija Quality Analysis Laboratory sabiex is-somma pretiza tithallas permezz ta' pagamenti rateali, Infatti abbazi ta' tali ftehim, is-socjeta konvenuta sa'llum hallset lid-ditta mill-ammont ta' tmien mija u disghin lira (Lm890) is-somma ta' sitt mija u erbghin lira (Lm640) u kwindi l-bilanc dovut sallum huwa biss mitejn u hamsin lira (Lm250).

Rat in-nota tal-atturi tal-4 ta Ottubru 2000 fejn cedew is-sorte izda zammew ferm il-kap tal-ispejjes;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;  u

Ikkunsidrat:-

Illi  l-kwistjoni li ghada pendenti bejn il-kontendenti  tirrigwarda esklussivament l-ispejjez ta' din il-kawza.

Bl-eccezzjoni taghhom tal-intempestivita' tal-azzjoni l-konvenuti kienu allegaw illi s-socjeta' konvenuta kienet digia' lahqet ftehim accettat mill-atturi dwar il-pagament ta' dak li kien dovut u minn dan isegwi li ghalhekk l-atturi  ghandhom ibatu huma l-ispejjez tal-kawza.

Id-dokument illi serva bhal bazi tal-ftehim allegat mill-konvenuti huwa l-ittra tal-istess konvenuti  spedita lill-atturi fit-30 ta' Lulju 1999 esebita a fol 11 tal-process.

Jirrizulta illi l-proposta illi ghamlhu l-konvenuti biex jippruvaw jilhqu tranzazzjoni ma' l-atturi ghamluha fit-30 ta' Lulju 1999 waqt li jirrizulta illi l-proceduri  odjerni kienu digia' inizjati fit-28 ta' Lulju 1999  u dan wara illi l-istess konvenuti kienu interpellati wkoll b'ittra tas-26 ta' Jannar 1999 illi dawn il-proceduri kienu ser jittiehdu kontra taghhom jekk ma jithallasx il-bilanc.

Ghaldaqstant ma tirrizulta ebda intempestivita' tal-azzjoni  ul-Qorti qieghda tirrespingi dina l-eccezzjoni.

Il-konvenuti izda, qieghdin jippretendu wkoll li ma jhallsux l-ispejjez tal-kawza peress illi bil-pagament ta' Lm115 (mija u hmistax il-lira Maltin) maghmul permezz ta' cheque spedit ma ittra tal-20 ta' Mejju 2000 ma baqghalhomx iktar pendenzi mal-atturi.

Dan ic-cheque kien gie mibghut u gie accettat mill-atturi "in full and final settlement of our account including interest" u ghalhekk il-konvenuti jippretendu illi bl'accettazzjoni ta' dan ic-cheque da parti tal-atturi kwalunkwe pretenzjoni illi setghu kellhom kontra l-konvenuti, giet ghalhekk saldata.

Pero anke  mill-ittra responsiva tal-atturi, esebita af ol 13 tal-process datata 30 ta' Mejju 2000, jirrizulta illi l-kliem "full and final settlement" kienu jirreferu biss ghal kont pendenti kif jirrizulta mill-kotba tal-kumpanija u ghall-imghax digia skadut, waqt li ma saretx xi riferenza ghal dak li jirrigwarda l-kawza u l-ispejjez taghha.

Infatti l-istess konvenuti kienu iddikjaraw illi c-cheque li kien qieghed jintbghat kien a saldu tal-invoice relattiva, ossia tal-kont li kellhom pendenti mall-atturi u ghall-

imghax fuq dak il-kont u m'ghamlu l-ebda referenza ghall-kawza  u ghall-ispejjez taghha.

Jirrizulta wkoll mir-risposta tal-atturi li ma saret ebda riferenza illi huma kienu qieghdin jirrinunzjaw ghall-ispejjez tal-kawza izda l-ircevuta kienet specifikament tirreferi biss ghall-pagament a saldu ta' dawk l-ammonti rizultanti mill-kontijiet fil-kotba taghhom u ghall-imghax, filwaqt li dwar il-kawza kienu iddikjaraw li ser jinfurmaw  bil-pagament lill-avukati taghhom biex il-kawza tigi ceduta.

Biex jista jinghad illi l-atturi kienu qieghdin ukoll jirrinunzjaw ghall-ispejjez tal-kawza, l-istess spejjes kellhom jigu msemmija specifikament jew li l-pagament ikun gie mghamul u accettat ghas-saldu tal-pendenzi kollha ossia 'in full and final settlement'.  Izda dwar l-ispejjes tal-kawza ma ssemma xejn.

Ghaldaqstant dawn l-ittri esibiti flimkien ma jwasslu ghall-ebda rinunzja ghal-ispejjez tal-kawza u l-atturi ghalhekk huma gustifikati illi jitolbu dawn l-ispejjez u l-Qorti qieghda tilqa t-talba taghhom ghalihom u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ29